



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 106/26

Il-Lussemburgu, 16 ta' Lulju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-196/24 | [Aucrind] ¹

Qorti ta' Stat Membru ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi talba għal miżura istruttoria mibgħuta minn qorti ta' Stat Membru ieħor u intiża għall-eżumazzjoni tal-ġisem ta' ġenitur preżunt sabiex tiġi stabbilita rabta ta' filjazzjoni, sempliċement minħabba li d-dritt sostanzjali nazzjonali tagħha jipprojbixxi dan

Fil-kuntest ta' tilwima rigward l-istabbiliment tal-filjazzjoni mibdija fl-Italja, qorti Taljana talbet lil qorti Franċiża twettaq l-eżumazzjoni tal-ġisem tal-missier preżunt tar-rikorrent, sabiex issir perizja ġenetika *post mortem*. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-Regolament tal-Unjoni dwar il-kisba transkonfinali ta' provi ² ma jippermettix lill-qorti Franċiża tirrifjuta li teżegwixxi din it-talba minħabba li d-dritt sostantiv nazzjonali tagħha jipprojbixxi, ħlief meta jkun ingħata kunsens espress mill-persuna kkonċernata matul ħajjitha, identifikazzjoni ġenetika *post mortem* f'tilwima ċivili. Ir-raġunijiet għar-rifjut ta' eżekuzzjoni previsti minn dan ir-regolament huma eżawrjenti. Peress li dawn ma jinkludux l-eżistenza ta' regola sostantiva nazzjonali ta' dan it-tip, il-projbizzjoni prevista mid-dritt Franċiż ma tistax tiġi invokata f'dan il-każ sabiex tipprekludi l-eżekuzzjoni tal-miżura istruttoria mitluba.

Persuna bdiet proċedura quddiem il-*qrati* Taljani sabiex tiġi rrikonoxxuta l-filjazzjoni tagħha fir-rigward tal-missier preżunt tagħha, li l-ġisem tiegħu huwa midfun fi Franza. Sabiex issir perizja ġenetika post mortem, il-qorti Taljana talbet lill-qorti Franċiża kompetenti, b'applikazzjoni tar-regolament dwar il-kisba transkonfinali tal-provi, li tipproċedi bl-eżumazzjoni tal-ġisem tal-missier preżunt u għal teħid ta' kampjun tad-DNA.

Madankollu, id-dritt Franċiż jipprojbixxi, ħlief meta jkun hemm kunsens espress mogħti mill-persuna kkonċernata matul ħajjitha, tali identifikazzjoni ġenetika post mortem għal proċedura ta' stabbiliment ta' filjazzjoni. Il-qorti Franċiża tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk din ir-regola sostantiva nazzjonali tistax tiġi ġustifika r-rifjut ta' eżekuzzjoni tal-miżura istruttoria mitluba.

Il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb li r-regolament relatat mal-kisba transkonfinali ta' provi ma jippermettix lil qorti rikjesta li tirrifjuta li teżegwixxi talba għal miżura istruttoria intiża għall-kisba ta' prova li tikkonsisti f'teħid ta' kampjun ġenetiku li jsir wara l-eżumazzjoni tal-ġisem tal-ġenitur preżunt minħabba li regola tad-dritt sostantiv nazzjonali tipprojbixxi l-kisba ta' tali prova.

Dan ir-regolament huwa limitat strettament għall-aspetti proċedurali tal-kisba tal-provi fil-proċeduri ġudizzjarji li għandhom impatt transkonfinali. Hija biss il-qorti adita b'tilwima f'qasam ċivili jew kummerċjali li tista' tiddeċiedi li tiġi ordnata miżura istruttoria, filwaqt li l-qorti rikjesta hija responsabbli sabiex teżegwiha f'konformità mar-regoli proċedurali tal-Istat Membru ta' din il-qorti.

Barra minn hekk, ir-raġunijiet ta' rifjut ta' eżekuzzjoni ta' talba għal miżura istruttoria huma elenkati b'mod eżawrjenti fir-regolament u għandhom jiġu interpretati b'mod strett. **Qorti rikjesta ma tistax għalhekk tinvoka regola tad-dritt sostanzjali nazzjonali tagħha**, inkluż regola bbażata fuq prinċipji fundamentali tal-ordinament ġuridiku tagħha, sabiex

tirrifjuta li teżegwixxi talba għal miżura istruttorja.

Fl-aħħar nett, hija biss il-qorti rikjedenti li għandha tivverifika li l-miżura istruttorja li hija tordna fi proċedura ġudizzjarja pendent quddiemha hija konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”).

F'dan il-każ, fir-rigward tad-domandi tal-qorti Franċiża rigward ir-rispett tad-dritt għad-dinjità tal-bniedem sanċit fl-Artikolu 1 tal-Karta, xejn fil-proċess ma juri li, fl-ibbilanċjar tal-interessi konfliġġenti f'din it-tilwima, il-qorti Taljana ma ħaditx debitament inkunsiderazzjoni dan id-dritt. Barra minn hekk, ma jista' jiġi identifikat ebda riskju sistemiku hawnhekk ta' ksur tad-drittijiet fundamentali quddiem il-qorti Taljani. Għaldaqstant, ma huwiex iġġustifikat li l-qorti Franċiża tkun tista' tivverifika jekk il-qorti Taljana rrispettatx effettivament id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta sabiex tidderoga mill-prinċipju ta' lealtà reċiproka u tirrifjuta fuq din il-bażi l-eżekuzzjoni tal-miżura istruttorja mitluba.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) u [fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² [Regolament \(UE\) 2020/1783](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal 25 ta' Novembru 2020 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda).